# PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT

Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net

**IL-ĦADD, 10.7.11: IL-ĦMISTAX-IL ĦADD MATUL IS-SENA.**

Il-Ġabra li ssir illum fil-knisja tkun għar-restawri.

Illum mit-8:30am sas-1:00pm. Se jsir l-ġbir tad-Demm fl-Isptar Generali t'Ghawdex

Min imur jieħu mieghu il-Karta tal-Identita'.

**L-ERBGĦA, 13.7.11: Fis-7.00p.m.** Quddiesa u Celebrazzjoni Penitenzjali bi tħejjija għan-Novena.

**Il-ĦAMIS, 14.7.11 : BIDU TAN-NOVENA**

Illum nagħtu bidu għan-Novena bi tħejjija għall-festa ta' Santa Margerita

**JUM L-GĦAQDIET KATTOLIĊI**

**Fis-6.30p.m.** Ružarju u Kurunella lil Santa Margerita

**Fis-7.00p.m.** Quddiesa bis-sehem tal-Membri tal-Għaqdiet Kattoliċi

Tindaqq l-Antifona u Barka Sagramentali.

**Il-ĠIMGĦA, 15 ta' Lulju : JUM IL-FAMILJA**

Infakkru b'mod speċjali lil dawk il-koppji li din is-sena qed jagħlqu 25, 40 jew 50 sena ta' ħajja miżżewġa.

**Fil-5.00p.m.** Marie Vella u Philip Azzopardi se jiċċelebraw iż-żwieġ tagħhom. Nifirħulhom u Nawgurawlhom.

**Fis-6.30p.m.** Ružarju u Kurunella lil Santa Margerita

**Fis-7.00p.m.** quddiesa bis-sehem tal-koppji li qed ifakkru l-anniversarju**.** F'din il-quddiesa isir talb speċjali għall-familji u jsir ukoll it-tiġdid tal-wegħdiet taż-żwieġ.

Tingħata tifkira tal-okkażjoni lil dawn il-koppji.

**IS-SIBT, 16 ta' Lulju : JUM L-GĦOTJA TAL-IMĦABBA DEJJIEMA FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ**

**Fil-5.00p.m.** Quddiesa li fiha ż-żewġ koppji Joseph Hili u MarthaLiz Pace u Mario Hili u Fabbiana Pace se jiċċelebraw iż-żwieġ tagħhom.

**Fis-6.30p.m.** Ružarju u Kurunella u Barka Sagramentali

**Fis-7.00p.m.** Quddiesa.

**IL-ĦADD, 17 ta' Lulju : JUM IS-SAĊERDOZJU U JUM IL-VOKAZZJONIJIET**

F'dan il-Jum tal-Mulej nitolbu u nroddu ħajr lil Alla għall-Ministri tiegħu li jwasslulna l-kelma tiegħu u jqassmulna l-Ikel Ewkaristiku

**Fil-10.30a.m.** Quddiesa li fiha jingħataw esperjenzi vokazzjonali. Iqaddes Fr Krystof Buttigieg u jiġi ċċelebrat is-sagrament tal-Magħmudija.

**Fil-5.30p.m.** attivita' għall-Grupp tal-Vokazzjonijiet tal-Parroċċa.

**ĦINIJIET ĠODDA TAL-QUDDIES GĦAL MATUL IX-XHUR TAS-SAJF.**

Minn Nhar it-**Tnejn, 11 ta' Lulju** se jibda Ħin ġdid tal-quddiesa ta' matul il-ġimgħa għax-xhur tas-sajf. Dan se jkun hekk: **5.30; 6.30; 7.30 u 9.30 fil-għodu, u fis-7.00** filgħaxija. Dan il-hin huwa għall-granet **mit-Tnejn sas-Sibt**.

**GABRA GĦALL-FESTA**

Nirringrazzja lil kulħadd tal-Gabra li saret għall-festa. Min ma' kienx hemm u jixtieq jagħmel l-offerta tiegħu jista jagħtiha fl-uffiċċju jew lil xi sacerdot.

**XANDIR BIR-RADJU TAL-KOMUNITA'**

Niskużaw ruħna li minħabba ħsarat fit-transmitter ma sta-jniex inxandru sakemm gie l-apparat minn barra.

**KOMPETIZZJONI GħAT-TFAL U GħALL-ISTUDENTI**

Se ssir kompetizzjoni għat-Tfal u għ-Istudenti dwar Santa Margerita. Min jixtieq jieħu sehem jiġbor il-karti mill-Uffiċċju